

Brussell, 22 ta' Novembru 2016
(OR. en)

14755/16

FIN 820
INST 492
PE-L 70

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	14493/16 FIN 796
Suġġett:	Proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 35/2016 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2016

1. Fis-17 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 35/2016.

L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġi ttrasferit ammont totali ta' EUR 17 909 500 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament minn linji baġitarji relatati man-nefqa amministrattiva f'diversi oqsma ta' politika. Minn dan l-ammont totali, EUR 16 771 500 qed jiġu ttrasferiti lill-Partita 30 01 15 01 (*Pensjonijiet, gratifiki għall-invalidità u għotjiet għat-terminazzjoni tal-impjeg*), u EUR 1 138 000 lil-linji baġitarji relatati mal-ħlas tas-salarji tal-uffiċjali tad-delegazzjonijiet tal-UE, kif irreġistrat fid-dokument 14493/16 FIN 796.

2. L-għan ta' dan it-trasferiment huwa li jiġu koperti l-ħtiġijiet addizzjonali li jirriżultaw mid-differenza bejn ir-rata proġettata u r-rata finali tal-aġġustament annwali tas-salarji u l-pensjonijiet fl-2016 u biex jiġu koperti ħlasijiet relatati mal-għotjiet għat-terminazzjoni tal-impjeg u t-transfers-out tad-drittijiet tal-pensjoni.

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina din il-proposta għal trasferiment fil-laqgħat tiegħu tal-21 ta' Novembru 2016.
 4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet propost;
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNESS għal dak il-għan.
-

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : President tal-Kunsill
lil : President tal-Kummissjoni
kopja : President tal-Parlament Ewropew

Sur,

F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ottubru 2012¹, nixtieq ngħarrfek li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 35/2016 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2016.

(Formula ta' għeluq).

¹ Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002.